**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 9 ta' Frar 2022**

**Rikors Revoka: 7/2022 AF**

**Debitum Collectio Limited (C99394)**

**vs**

**Mr. Green Limited (C43260)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Mr Green Limited li permezz tiegħu, għar-raġunijiet mogħtija, din il-Qorti intalbet tordna t-tħassir għal kollox tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv 1891/2021 fl-ismijiet Debitum Collectio Limited vs Mr. Green Limited.

Rat it-tweġiba.

Semgħet lid-difensuri jittrattaw.

Rat li r-rikors tħalla għal-lum sabiex jiġi degretat.

Ikkunsidrat illi l-Art. 281(1) jipprovdi illi:

> "281.(1) Minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra, persuna kontra min jinhareg att ezekuttiv jew xi persuna ohra interessata, tista' taghmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-Qorti li tkun harget dak l-att fejn titlob li l-att ezekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f'parti minnu biss, ghal raguni valida skond il-ligi."

Il-liġi nnifisha ma tfissirx x'tista' tkun ir-raġuni valida li ssemmi bħala bażi għat-tħassir tal-mandat eżekuttiv.

L-Art. 252 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> "252.Bla ħsara għal kull dispożizzjoni oħra tal-liġi dwar il-mandati in factum,l-eżekuzzjoni b'wieħed mill-mezzi msemmijinfl-artikolu 273 tista' ssir biss bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv."

Fis-sentenza pjuttost riċenti Clement Mifsud Bonnici vs Vertical Group Holding Limited (920/19), il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) irriteniet illi:

> "Illi kif pprovdiet l-Onorabbli Qorti f'diversi decizjonijiet in materja fosthom aktar ricentement, **Av Clement Mifsud Bonnici noe v Vertical Group Holding Limited (C52240) (Appell Superjuri 920/19LM:**"
>
> > "19. Illi l-ligi taghna tghid li biex jithassar att ezekuttiv taht il-procedura mahsuba fl-artikolu 281 trid tingieb 'raguni valida', imma ma taghti l-ebda hjiel x'tista' tkun raguni bhal din. In generali, jista jinghad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma...
> >
> > "27. Illi din il-Qorti gharfet, bi qbil mal-linja tad-decizjonijiet li ilhom jinghataw ghal bosta snin, li l-

procedura mahsuba taht l-imsemmi artikolu 281 hija mahsuba li tattakka l-Mandat ezekuttiv u mhux it-titolu li bis-sahha tieghu nhareg, u li min irid jattakka t-titolu ezekuttiv ma jmissux jinqeda b'din l-procedura, **<u>sakemm ma jintweriex li t-titolu ezekuttiv ma jkunx jezisti.</u>**(enfazi tal-esponenti)."

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza Marlon Borg noe vs M.V Bright Star (Deċiża 8 ta' Frar 2019) kellha dan xi tgħid fir-rigward:

"Il-qorti taqbel mal-appellant illi, ladarba titolu esekuttiv huwa element essenzjali biex jinhareg mandat esekuttiv, **<u>in-nuqqas ta' titolu esekuttiv iwassal ghall-invalidita` tal-mandat.</u> (enfasi mizjuda)** Fil-kaz tallum, jekk meta nhareg il-mandat dak it-titolu ma kienx ghadu fis-sehh safejn jolqot il-bastiment, mela l-mandat inhareg invalidament.

"Tassew illi, kif sewwa qalet l-ewwel qorti, proceduri taht l-art. 281 Kod. Proc.Civ. huma mahsuba biex jimpunjaw il-mandat u mhux it-titolu esekuttiv, u min irid jimpunja t-titolu esekuttiv ma ghandux ifittex dan ir-rimedju taht l-art. 281. **Izda fil-kaz tal-lum il-kwistjoni ma hijiex il-validita` tat-titolu izda l-ezistenza tieghu. Mandat esekuttiv mahrug b'nuqqas ta' titolu esekuttiv huwa, fi kliem l-ewwel qorti, milqut b'"ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv nnifsu" ghax ma jkollu lanqas dehra ta' element essenzjali ghall-hrug tieghu." (enfasi mizjuda).**

Il-Qorti tirreferi wkoll ghad-deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati fil-proċeduri John Refalo vs The Motor Insurance Pool (28 ta' Mejju 2010), Vincent Gauci vs Dr Albert Fenech (27 ta' Marzu 2020).

Fid-dawl tal-fuq ċitata ġurisprudenza l-Qorti tqis mistħoqqa t-talba ta' Mr Green Limited. Il-mandat eżekuttiv inħareġ abbażi ta' sentenza estera fil-konfront ta' Mr Green Limited fuq talba ta' Roberto Faliveno, ċittadin Awstrijak.

Debitum Collectio Limited innifisha ma tgawdi ebda titolu eżekuttiv. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, dan in-nuqqas huwa raġuni tajba biżejjed għat-tħassir tal-mandat.

Għalhekk ghal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi billi tħassar għal kollox il-mandat ta’ sekwestru eżekuttiv 1891/2021 fl-ismijiet Debitum Collectio Limited vs Mr Green Limited (C43260).

L-ispejjeż jitħallsu minn Debitum Collectio Limited.

IMĦALLEF